# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **24 TA' DIĊEMBRU 2017**

## Tberik tal-Bambini u l-Presepji

Il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

## Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin

Il-Membri tal-Museum iħeġġukom sabiex tippartecipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017. Il-purċissjoni se tibda fis-5:30pm minn Triq il-Qastan, f'Bellavista. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali Sant'Anna fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

## Lejliet il-Milied

Il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017, Lejliet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm u quddiesa oħra fit-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-prietka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am.

## Kwaranturi

Il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt jkollna l-Kwaranturi – tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Nesponu s-Sagrament wara l-quddiesa tat-7.45am sa nofsinhar u mill-4.00pm sal-quddiesa tas-6.00pm. Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

## Għeluq is-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa ta' Sant'Anna fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn

Il-Ħadd 31 ta' Diembru 2017 fis-6:00pm issir il-quddies tas-soltu tal-Ħadd, fis-6:45pm adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija, fit-8.00pm quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla għal din is-sena li għaddiet kif ukoll l-għeluq tas-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Wara nkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-*New Year's Eve Party* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Jannar 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Id-Dar tal-Providenza**

Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2018. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom f'buqar li ser ikun fuq l-artal matul din il-ġimgħa. Grazzi ħafna.

**Grupp tal-Anzjani tal-Ispirtwalità**

L-Erbgħa 10 ta' Jannar 2018, il-Grupp tal-Anzjani tal-Ispirtwalità qed jorganizzaw *Christmas Lunch*.

**Kwaranturi**

Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

**Il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2017**

8.15am – 8.45am ________________________________

9.00am – 9.30am ______________________________

9.30am – 10.00am ______________________________

10.00am – 10.30am ______________________________

10.30am – 11.00am ______________________________

11.00am – 11.30am ______________________________

11.30am – 12.00pm ______________________________

4.00pm – 4.30pm ______________________________

4.30pm – 5.00pm ______________________________

5.00pm – 5.30pm ______________________________

**Il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 2017**

8.15am – 8.45am ______________________________

9.00am – 9.30am ______________________________

9.30am – 10.00am ______________________________

10.00am – 10.30am ______________________________

10.30am – 11.00am ______________________________

11.00am – 11.30am ______________________________

11.30am – 12.00pm ______________________________

4.00pm – 4.30pm ______________________________

4.30pm – 5.00pm ______________________________

5.00pm – 5.30pm ______________________________

**Kwaranturi**

Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

**Is-Sibt 30 ta' Diċembru 2017**

8.15am – 8.45am ______________________________

9.00am – 9.30am ______________________________

9.30am – 10.00am ______________________________

10.00am – 10.30am ______________________________

10.30am – 11.00am ______________________________

11.00am – 11.30am ______________________________

11.30am – 12.00pm ______________________________